**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 55

**23 ta' Marzu, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-6.00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Freank Roe - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**55.1.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.**

**Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 55.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**55.2.1 Is-Sindku Max Zammit innota li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fit- 2016 ma sarx *risk assessment* kif suppost u għaldaqstant hemm bżonn li dan isir malajr kemm jista jkun. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li meta ġew tal-*Health and Safety* biex isir *assessment* sabu li hemm diversi nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati. Huwa ippreżenta wkoll proposta mingħand ir- Reġjun Ċentru biex isir *risk assessment*.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandna nagħmlu *risk assessment* bil-pakkett li ippropona r-Reġjun Ċentru.**

**55.2.2 Is-Sindku innota li *TCTC* qiegħdin joffru kors tal-*ECDL Advance*. Huwa qal li jixtieq li xi membri tal-*istaff* u kunsilliera jattendu dan il-kors biex b'hekk ikompli jsir investiment fil-membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier E Muscat qal li jkun idejali kieku nippruvaw nieħdu skont fuq il-prezz biex inġibu l-aħjar pakkett lejn il-kunsill.**

**Il-Kunsill qabel li għandu jsir investiment fil-membri tal-kunsill u għaldaqstant għandna ninnegozjaw l-aqwa pakkett.**

**55.2.3 Is-Sindku innota li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjoni tan-*notice board* li miftemha li teħel fil-propjeta' tal-Knisja f'Ta' Xbiex.**

**Il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu bix-xiri ta' din in-*notice board*.**

**55.2.4 Is-Sindku Max Zammit innota li s-Segretarju Eżekuttiv għaddielu informazzjoni li l-Bank sab 50 Ewro falza fid-*deposit bag*. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-uniku mod li bih l-istaff tal-kunsill jista' jivverifika jekk il-flus humiex foloz huwa billi jintuża *marker*. Is-Segeretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi kwotazzjonijiet għal magna li tivverifika jekk il-flus humiex validi.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-50 ewro falza għandha tiġi finanzjata mil-kunsill u li l-kunsill għandu jinvesti f'magna li tivverifika il-validita tal-flus.**

**55.2.5** **Is-Sindku Max Zammit innota li hu attira attivita' ta' kwalita' totalment differenti minn *Connecting through Culture* u tkun fil-*format* ta *"Food Festival"*. Għal din l-attivita' interessati li jidħlu kumpaniji kbar bħal *Charles Grech, New York's Best, Fat Louis u organic food vendors*. Dawn għandhom idea differenti minn tas-soltu u jixtiequ joħolqu atmosfera b' *"chill out music"*. Is-Sindku kompla jgħid li bħala kunsill din l'attivita' mhux ħa tiswa xejn. F'din it-tip ta' attivita' hemm ippjanat ukoll li jieħdu sehem artisti bħal Puse. Huwa kompla jgħid li l-organizzazjoni mhux ha tieħu ħafna ħin u hija ippjanata għal ewwel ġimgħa ta Mejju jew nofs Mejju. Is-Sindku Max Zammit kompla jgħid li din l-attivita' tissemma *"Ta' Xbiex Street Food Festival"* u din tkun b'xejn għal kulħadd. Huwa nnotta li hu jipproponi li din l-attivita' issir fil-Marina mil-Mamma Mia sa quddiem Bettson.**

**Il-Kunsillier E Muscat saħaq li l-importanti hu li l-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż u l-organiżżazjoni għandha tkun strettatment f'idejhom. Huwa kompla jgħid ukoll li l-importanti hu li din l-attivita' ma ddejjaqx lin-nies u lill-organiżżaturi jiżguraw li jagħmlu *insurance*. Is-Sindku Max Zammit innota li t-tip ta' mużika li tintuża f'dawn il-*festivals* tkun *Jazz* u din mhiex mużika għolja ħafna. Huwa kompla jgħid lil-livell tal-mużika jaf ikun għoli peress li f'din it-tip ta' attivita' jaf jiġu attirati gruppi bħal Tribali.**

**Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti innutat li din hija idea tajba ħafna u li taħseb lil-idea tal-*Jazz* tintogħġob ħafna. Hi kompliet tgħid li għandna niżguraw li niġu kkonsultati bħala kunsill qabel joħroġ il-programm ta' din l-attivita'.**

**Il Kunsill qabel mal proposti tas sindku.**

**55.2.6** **Is-Sindku Max Zammit innota li l-Kunsill għandu bżonn jirreġistra l-*Logo* ta' Festa Rizzi urġentament. Il-Kunsillier E Muscat innota li dan il-*logo* għandu jkun sempliċi kemm jista jkun. Is-Sindku Max Zammit qal li l-*Logo* għandu jinkorpora fih idejat mil-*Logo* li ġie ippreżentat mil-kunsillier E Muscat u dak ippreżentat mil-kunsilliera L Cachia Castelletti. Is-Sindku innota li dan il-*logo* għandu jinkludi fih it-tmun u l-mast peress li huma simboli assoċċjati mal-lokalita' ta' Ta' Xbiex.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-logo għandu jiġi finaliżżat u irreġistrat malajr kemm jista jkun.**

**55.2.7** **Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Bank Reconciliation Statements* għal approvazzjoni tal-Kunsill.**

**Il-Kunsill approva dawn l-*istatements* b'mod unanimu.**

## 55.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**55.3.1** **Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u**

wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

Il-Kunsillier L Cachia Castelletti issekondat. Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 55.4 Approvazzjoni tal-*Management Letter* tal-*Mid-term Audit*

55.4.1 Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta il-*Management Letter* (l-abbozz tagħha kien ġie ippreżentat fil-laqgħa preċedenti) li irċieva l-Kunsill mingħand in-*National Audit Office*. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-*Management Letter* hija posittiva.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta wkoll ir-risposta li ħa tintbagħat lin-*National Audit Office.*

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mad-dokument li jirrispondi għal *management letter*.

## 55.5 Kuntratt ma Héritage Enterprise

55.5.1 Is-Sindku Max Zammit innota li kemm ilu Segretarju Eżekuttiv, saru diversi tentattivi biex issir laqgħa ma *Heritage Entreprise* imma qatt ma kien hemm risposta. Is-Sindku ippropona li naraw x'jista jsir biex jiġi itterminat dan il-kuntratt.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 55.6 Kuntratti u *Tenders* li skadew

55.6.1 Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitkellem dwar il-kuntratti li skadew u dawk li ser jiskadu dalwaqt. Is-Segretarju Eżekuttiv innotta li l-Kunsill għandu diversi kuntratti skaduti fosthom dak tal-*"Accounts"* u dak tas-*"Signs and Markings*". Huwa ippreżenta wkoll lista fuq *excel sheet* tad-dati li fihom ha jiskadu t-*tenders* tal-Kunsill bil-maġġoranza tagħhom jiskadu lejn il-bidu tas-sena 2018.

Il-Kunsill qabel li għandu jibda il-proċess biex joħroġ it-*tender* tas-*"Signs and Markings".*

## 55.7 *Software* tas-*Sage* fl-uffiċju tal-Kunsill

55.7.1 Is-Sindku nnota li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali qiegħed jitlob li kull Kunsill Lokali jkollu fil-pusses tiegħu is-*Software* tas-*Sage.* Fil-preżent, il-Kunsill ma għandux *software* u l-*accountant* juża s-*software* tas-*Sage* tiegħu. Dan mhux permess mil-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jinnota li hu diġa ġabar xi kwotazzjonijiet u dan is-*software* jiswa madwar elf ewro u

**għaldaqstant dan jista jitħallas b'*direct order*.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jara li l-kunsill jixtri dan s-*Software*.**

## 55.8 L-Ambjent f' Ta' Xbiex

**55.8.1 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tal-knis. Huwa nnota li hemm bżonn li jdur iktar l-ħaxix ħażin li hemm fuq il-bankini peress li dan huwa inkluż fil-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan. Il-Kunsillier F Roe innota li l-kuntrattur kien innotifikat rigward dan kemm il-darba minħabba li x-xatt hemm żoni fejn hemm ammont konsiderevoli ta' ħaxix. Il-kuntrattur ikkonferma li ħa jaghti pala tal-ħadid lil kennies biex dan ikun jista jneħħi dan il-ħaxix.**

**Il-Kunsillier E Muscat innota lill-kennies qiegħed jinbidel spiss. Il-Kunsillier F Roe innota li dan ġara peress li l-kennies li kien hemm qabel kellu bżonn imur sa *Lampedusa*. Huwa kompla jgħid li l-kennies preċedenti kien infurmah li l-kuntrattur ried inaqqaslu xi ħinijiet.**

**Il-Kunsillier F Roe innota wkoll li Triq Guseppe Cali qegħdha titħammeġ ħafna bir-riħ u għaldaqstant għandha tibda tinkines darbtejn fil-ġimgħa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li s-*schedule* tal-knis ghandha tinbidel; ix-xogħol li jsir l-Erbgħa jsir il-Ħamis u tal-Ħamis issir l-Ġimgħa. Huwa issuġġerrixxa wkoll li nagħmlu *mobile toilets* max-xatt. Is-Sindku Max Zammit irrisponda li fil-jiem li ġejjin ħa nkunu sejrin niltaqaw mal-Ministru Joe Mizzi biex jiġu diskussi diversi temi fosthom il-*mobile toilets* u l-aċċess għal *Belvedere*. Huwa innota wkoll li wasal iż-żmien li l-bankijiet ta' max-xatt jkunu mantenuti.**

**Il-Kunsill qabel lill-bankijiet ta' fuq il-Belvedere għandhom jinżebħu b'kuluri differenti filwaqt li dawk ta' taħt is-siġar għandhom jiġu kannella.**

**Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti nnutat li l-ilma li joħrog mil-proġett tal-*Flood relief* għandu jibda jiġi eżaminat minħabba li jkun hemm ħafna nemus. Is-Sindku Max Zammit qal li dan huwa wieħed mil-punti li ha jiġu diskussi mal-Ministru Joe Mizzi.**

## 55.9 Rapporti mill-Kunsilliera

**55.9.1 Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti nnutat li l-feedback dwar *Connecting through Cultur*e huwa tajjeb. Hi kompliet tgħid li l-patrunaġġ tal-President ta' Malta jgħin biex il-kunsill ikun jista jieħu *sponsorships*. Il-Kunsillier F Roe innota li għandna wkoll ninvolvu lil *Rocca Santo Stefano*. Is-Sindku Max Zammit qal li għandna niddiskutu din il-possibbilita' iktar il-quddiem waqt li tkun qiegħda tiġi organiżżata din l-attivita'.**

**55.9.2** **Il-Kunsillier E Muscat ippropona li ssir esibizzjoni mtella mil-Kunsill fejn fiha jiġu esibiti ritratti. It tema tkun Ta' Xbiex, il-bierah u illum.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma din l-attivita'.**

## 55.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2017.

**52.10.1** **Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum il-Ħamis 8 ta' Ġunju, 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |